MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta tas-7 ta' April, 2005

Rikors Numru. 8/2000/1

L- Agent Kummissarju tal- Artijiet

-vs-

Doreen sive Dorothy Vella

Il- Bord,

Ra r- rikors tal- Agent Kummissarju ta’ l- Art fejn jesponi b’ rispett:

Illi l- intimat gie notifikat b’ Avviz ghall- Ftehim datat 30 ta’ Dicembru 1998 fejn gie infurmat li l- kumpens li l- awtorita’ kompetenti hija lesta biex thallas ghax- xiri assolut bhala franka u libera tal- bicca art f’ Marsascala tal- kejl ta’ circa 5557 metri kwadri, li tmiss mill- Punent ma’ propjeta’ ta’ George Abela, mill- Lvant ma’ propjeta’ ta’ Camilleri Bros.

u min- Nofsinhar ma’ propjeta’ ta’ Hector Magri u ohrajn, huwa ta’ elfejn u tmien mitt Lira Maltija (Lm 2,800.00) kif jidher mir- rapport tal- Perit Carmen V. Suttorn A. & C.E. tat- 13 ta’ Frar 1998 li kopja tieghu Dok A. huwa anness ma’ l- istess Avviz ghall- ftehim.

Illi b’ ittra ufficjali tal- 11 ta’ Ottubru 1999 l- intimat fost affarjiet ohra jiddikjara li ma’ jaccettax il- kumpens offert u jitlob li dan il- kumpens ghandu jkun ta’ ghaxar t’ elef Lira Maltija (Lm 10,000.00) skond ma’ jirrizulta mill- valutazzjoni tar- rapport tal- Perit Ian Zammit.

Ghaldaqstanta ir- rikorrent jitlob bir- rispett li dan il- Bord jghogbu, jordna lill- intimati biex jittrasferixxi favur ir- rikorrent b’ titolu ta’ xiri assoluit bhala franka u libera il- bicca art fuq imsemmija, jiffissa kumpens relattiv, jinnomina lin- Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad- Dipartiment tal- Art jew lin- Nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippublika l- att relattiv f’ dik il- gurnata, hin u lok li dan il- Bord joghogbu jistabilixxi, jinnomina kuratur biex jidher ghall- eventwali kontumaci fuq l- att u jaghti l- provedimenti l- ohra kollha mehtiega skond id- dispozizzjonijiet tal- Ordinanza dwar l- Akkwist ta’ Artijiet ghall- Skopijiet Pubblici (Kap. 88).

Ra r- risposta ta’ Doreen sive Dorothy Vella fejn tesponi b’ rispett:

Illi hija ma topponix ghat- trasferiment mitlub mir- rikorrenti basta pero’ illi l- kumpens li jigi moghti ikun dak mitlub minnha poermess tal- ittra ufficjali tal- 11 ta’ Ottubru 1999 u cioe’ Lm 10,000.

Ra li l- intimata giet notifikat bid- dokumenti kollha skond il- ligi.

Sema x- xhieda bil- gurament.

Rat l- atti u d- dokumenti kollha.

Ra l- verbal tas- 7 ta’ Marzu 2005.

Ra d- digriet tieghu li bih gew mahtura periti teknici l- AIC Joseph Mizzi u l- AIC Frederick Valentino.

Ra r- relazzjon ta’ l- imsemmmija periti li kklassifikaw l- art primarjament bhala raba’ agrikola u flimkien mal- benefikati stmawha fl- ammont ta’ Lm 6,480 skond il- pjanti esebiti.

Jilqa’ it- talbiet tar- rikorrenti u jordna lill- intiamata tghaddilu b’ titolu ta’ xiri assolut bhala libera u franka bicca art f’ Marsascala tal- kejl ta’ cirka 5557 metri kwadri li tmiss mill- Punent ma’ propjeta’ ta’ George Abela, mill- Lvant ma’ propjeta’ ta’ Camilleri Bros.u min- nofsinhar ma’ propjeta’ ta’ Hector Magri u ohrajn bil- kumpens ta’ Lm 6, 480 jahtar lin- Nurtar Vincent Miceli jew lin- Nutar li jkun qed jghamel minfloku bhala Nutar tar- rikorrent biex jippublika l- att fil- 11 ta’ Lulju fid- 9.30a.m. fl- ufficju tar-rikorrent; jahtar lid- Dottoressa Daniela Mangion biex tidher fuq l- att ghall- kontumaci; l- ispejjez ghandhom jigu sofferti mill- partijiet fi proporzjoni li d- differenza fl-ammont offrut mill- awtorita’ kompetenti u dak hekk stabbilit mill- Bord ikollhom ghad- differenza fl- ammont mitlub mis- sid u dak l- ammont stabbilit mill- Bord.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------